DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2015/1130

tal-10 ta' Lulju 2015

li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/413/PESK ([1]) dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran.

(2) Fl-24 ta' Novembru 2013, iċ-Ċina, Franza. il-Ġermanja, il-Federazzjoni Russa, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti, appoġġati mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, laħqu ftehim mal-Iran dwar Pjan ta' Azzjoni Konġunt li jistabbilixxi approċċ għall-kisba ta' soluzzjoni komprensiva fit-tul għall-kwistjoni nukleari Iranjana. Ġie miftiehem li l-proċess li jwassal għal din is-soluzzjoni komprensiva jinkludi, bħala l-ewwel pass, miżuri inizjali maqbula b'mod reċiproku li għandhom jittieħdu miż-żewġ naħat għal perijodu ta' sitt xhur u rinnovabbli bi qbil komuni.

(3) Fis-7 ta' Lulju 2015, bid-Deċiżjoni (PESK) 2015/1099 ([2]) il-Kunsill iddeċieda li jestendi l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt sal-10 ta' Lulju 2015.

(4) Fl-10 ta' Lulju 2015, iċ-Ċina, Franza, il-Ġermanja, il-Federazzjoni Russa, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti, bl-appoġġ tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, ftehmu mal-Iran biex tiġi estiża l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt sat-13 ta' Lulju 2015 sabiex ikun hemm żmien biżżejjed biex jitkomplew in-negozjati bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt.

(5) Is-sospensjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni speċifikati fil-Pjan ta' Azzjoni Konġunt għandha għalhekk tiġi estiża sat-13 ta' Lulju 2015. Il-kuntratti rilevanti ikollhom jiġu eżegwiti sa dik id-data.

(6) Id-Deċiżjoni 2010/413/PESK għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 26a tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 26a*

1. Il-projbizzjoni stipulata fl-Artikolu 3a(1) għandha tiġi sospiża sat-13 ta' Lulju 2015 sa fejn din tirrigwarda t-trasport taż-żejt mhux maħdum Iranjan.

2. Il-projbizzjoni stipulata fl-Artikolu 3a(2) għandha tiġi sospiża sat-13 ta' Lulju 2015 sa fejn din tirrigwarda l-forniment ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni, relatati mal-importazzjoni, ix-xiri, jew it-trasport taż-żejt mhux maħdum Iranjan.

3. Il-projbizzjoni stipulata fl-Artikolu 3b għandha tiġi sospiża sat-13 ta' Lulju 2015.

4. Il-projbizzjoni stipulata fl-Artikolu 4c għandha tiġi sospiża sat-13 ta' Lulju 2015 sa fejn din tirrigwarda d-deheb u l-metalli prezzjużi.

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li thassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1099 tas-7 ta' Lulju 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 180, 8.7.2015, p. 4).

5. L-Artikolu 10(3), il-punti (a), (b) u (c) huma sostitwiti bil-punti li ġejjin sat-13 ta' Lulju 2015:

'(a) trasferimenti dovuti għal transazzjonijiet fir-rigward ta' oġġetti tal-ikel, il-kura tas-saħħa, it-tagħmir mediku, jew għal finijiet agrikoli jew umanitarji ta' inqas minn EUR 1 000 000, kif ukoll trasferimenti fir-rigward ta' rimessi personali, ta' inqas minn EUR 400 000, għandhom isiru mingħajr ebda awtorizzazzjoni minn qabel. It-trasferiment għandu jiġi nnotifikat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat jekk ikun ta' aktar minn EUR 10 000;

(b) trasferimenti dovuti għal transazzjonijiet fir-rigward ta' oġġetti tal-ikel, il-kura tas-saħħa, it-tagħmir mediku, jew għal finijiet agrikoli jew umanitarji ta' aktar minn EUR 1 000 000, kif ukoll trasferimenti fir-rigward ta' rimessi personali, ta' aktar minn EUR 400 000, għandu jkollhom l-awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat. L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija;

(c) kwalunkwe trasferiment ieħor ta' aktar minn EUR 100 000 għandu jkollu l-awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat. L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija.'.

6. L-Artikolu 10(4), il-punti (b) u (c) huma sostitwiti bil-punti li ġejjin sat-13 ta' Lulju 2015:

'(b) kwalunkwe trasferiment ieħor ta' inqas minn EUR 400 000 għandu jsir mingħajr ebda awtorizzazzjoni minn qabel. It-trasferiment għandu jiġi nnotifikat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat jekk ikun ta' aktar minn EUR 10 000;

(c) kwalunkwe trasferiment ieħor ta' aktar minn EUR 400 000 għandu jkollu l-awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat. L-awtorizzazzjoni għandha titqies li tkun mogħtija fi żmien erba' ġimgħat sakemm il-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat ma tkunx oġġezzjonat f'dak il-perijodu ta' żmien. L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni miċħuda.'.

7. Il-projbizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 18b għandhom jiġu sospiżi sat-13 ta' Lulju 2015.

8. Il-projbizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 20(1)(b) u (c) u fl-Artikolu 20(2) fir-rigward tal-Ministeru taż-Żejt, elenkati fl-Anness II, għandhom jiġu sospiżi sat-13 ta' Lulju 2015, sa fejn ikun neċessarju għall-eżekuzzjoni, sat-13 ta' Lulju 2015, ta' kuntratti għall-importazzjoni jew ix-xiri ta' prodotti petrokimiċi Iranjani.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2015.

Għall-Kunsill

Il-President

J. ASSELBORN